Minuti tal-Laqgħa Nru. 18 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 19 ta' Settembru 2013 fil-5.30 p.m.

| **Preżenti:** | il-Membri |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| Skużata | Is-Sinjorina. Christina Sammut<br>Is-Sur. Christian Falzon |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Rapport fuq il-kuntratturi
5. Daycentre
6. Skemi GAL Xlokk
7. Attivitajiet Kulturali
8. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
9. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati b' vot unanimu.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Camilleri semma li fuq punt 6.1 ir-raġuni il għala huwa kien qed jieħu din il-pożizzjoni fuq il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart kienet minħabba li kien hemm ħafna ilmenti.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku semma li kien hemm email minn naħa tat-team ta Xarabank fejn kienu qed jitolbu lill-Kunsilli Lokali biex jieħdu sehem waqt il-programm f' parti imħejjija apposta. Il-Kunsilliera qablu li jkun hemm parteċipazzjoni għal din l-inizjattiva.

3.2 Is-Sindku qara email oħra li kienet tirrigwarda attivita bl-isem Caritas Trail fejn kienet se ssir maratona b' risq il-Caritas fid-29 ta' Settembru. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex jattendu.

3.3 Is-Sindku qara email fejn kien hemm stedina minn naħa tal-ASKLM fuq maratona li kienet se ssir b' risq l-organiżżazzjoni appoġġ. L-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed tħeġġeġ lill-Kunsilli kollha sabiex dawn jieħdu sehem.

3.4 Is-Sindku semma li din is-sena kienet se terġa tingħata t-titqiba tal-influwenza lill-Anzjani. Huwwa semma li qed issir kordinament mal-Ministeru tas-Saħħa sabiex jingħataw dawn it-titqibiet lir-residentHuwa semma li minn hawn u ftit ieħor jibdew jinġabru l-listi.

3.5 Is-Sindku informa li waslet email fejn infurmaw li kienu se jsiru courses għal Anzjani biex jitħarġu fuq il-computers. Dawn il-courses se jsiru minn naħa tal-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta Soċjali u bla ħlas.

3.6 Is-Sindku qal li kien wasal iż-żmien biex jinbeda l-Programm tal-After School Sports programme fejn waslet email biex nikkordinaw mal-iskola. Huwa qal li din l-inizjattiva dejjem kienet imħeġġa u għandha tibqa dejjem issir.

3.7 Is-Sindku informa li se ssir l-Elezzjoni għall Kumitat tal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Huwa qal li kien hemm in-nomini l-Kunsill Lokali għal dawk il-Kunsilliera interessati u fakkarhom biex dakinhar tal-Elezzjoni jiġu jivvutaw.

3.8 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn li jsir patching u tikħil ta spuctions fi Triq San Ġorġ. Huwa qal li din l-inizjattiva tista ssir flimkien mal-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kunsillier Caruna semma wkoll li hemm xi tabelli tan-No Entry li huma faded sabiex dawn jinbidlu. Waħda minn dawn qiegħda fejn il-Bon Chocolat.

3.9 Is-Sindku semma li saru xi trinek fi Triq il-Wilġa minħabba xi xogħolijiet fejn ma sarx re isntatement tajjeb. Is-Sindku talab lis-Segretarju sabiex jikkuntattja l-kuntratturi u jagħmlu xogħol sewwa.

3.10 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn li jsir tindif fi Triq ir-Rixtellu minn naħa tal-kennies.

3.11 Il-Kunsillier Camilleri saqsa jekk minn naħa tal-Kunsill kellimnix lill-Każini fuq id-dawl tal-Milied, peress li kien dieħel iż-żmien. Is-Sindku qal li kienet se ssir laqgħa mal-Każini dalwaqt fejn se jissemma dan l-item. Huwa qal li se jintalbu patterns tad-dawl u minn fuq dawn il-patterns japprovahom il-Kunsill.

3.12 Is-Sindku semma li kien ħareġ tender tar-restawr taċ-Ċimiterju ta San Tumas fejn kien hemm 4 offerti u li waħda minhom kienet ferm elevata bħala prezz. L-offerti l-oħrajn kienu bażikament pari ma xulxin ħlief għal xi varjazzjonijiet żgħar fil-prezz. Huwa qal li dan it-tender kienet tapplika r-regola li trid tintgħażel l-orħos offerta. Huwa ssuġġerrixxa biex għal dan il-proġett tintgħażel l-orħos offerta u nitkellmu mal-kuntrattur. Il-membri tal-Kunsill qablu ma din il-poroposta b' mod unanimu.

3.13 Il-Kunsillier Camilleri saqsa jekk reġgħetx qed toppera l-camera ta Triq Dun Pawl. Is-Sindku wieġeb li din reġgħet qed topera minn naħa tar-Reġjun peress li dawn is-servizzi waqgħu issa f' idejn ir-Reġjun.

**4.0 RAPPORT FUQ IL-KUNTRATTURI**

4.1 Is-Sindku tkellem fuq il-kuntrattur tas-soft areas fejn is-sitwazzjoni tas-soft areas hija preżentament diżastruża u l-Kunsill ma ngħatax valur għall flus li kien qed iħallas lill-Kuntrattur. Is-Sindku semma wkoll li l-membri tal-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal Farruġ wrew id-diżappunt tagħhom fuq dan is-servizz. Is-Sindku ippropona li dan il-kuntrattur għandu jitwaqqaf minn xogħolu f' egħluq l-ewwel sena mill-kuntratt tiegħu. Huwa semma li għall bżonnijiet tas-soft areas l-Kunsill Lokali jista jaħdem bil-ħaddiema li għandu assenjtati miegħu temporanjament peress li huma ftit dawk is-soft areas. Huwa semma li kif jitlesta l-proġett tal-Bandli l-Kunsill ikun f' pożizzjoni li joħroġ tenders ġodda peress li jkun hemm xogħol biżejjed li jista jsir mill-kuntrattur. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu b' vot unanimu fuq il-proposta tas-Sindku.

4.2 Dwar il-kuntratturi l-oħra li jikkonsistu fil-ġbir tal-iskart imħallat u dak tal-knies is-Sindku qal li anki fuq dawn kien hemm diżappunt fuq is-servizz li qed jingħata. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jieħu feedback minn naħa mtar-residenti fuq dawn iż-żewġ servizzi billi tqassmu ittri ġod-djar b' formola biex ir-residenti jagħtu l-opinjoni tagħhom. Is-Sindku qal li minn hawn għandna imbagħad nimxu u naraw hemx bżonn jinħareġ tender.

4.3 Il-Kunsillier Caruana semma li kien hemm progress fuq is-servizz tal-ġbir tal-iskart fejn iktar qed jinżamm il-ħin. Il-Kunsillier Camilleri saqsa kemm il-darba ktibna lill-kuntrattur. Is-Sindku wieġeb li kien hemm darba fejn ktibnilu u kien hemm darbtejn oħra fejn għamilna laqgħa miegħu fuq is-servizz.

4.4 Il-Kunsillier Caruana semma wkoll li wieħed mill-kenniesa semma li qed tinżamm karta fil-Kunsill fejn huma jiffirmaw għall atendenza tagħhom. Is-Segretarju qal li din qed tinżamm biex ikun hemm provi ta kemm qed ikun hawn kenniesa Ħal Luqa u jekk dan hux skont kif kien hemm mitlub fit-tender.

4.5 Il-Viċi Sindku sostna li huwa kull meta ressaq ilment dwar nuqqas ta tindif f' ċerta żoni il-kenniesa dejjem marru u naddfu kif suppost.

4.6 Dwar il-ħin tal-ġbir tal-iskart is-Sindku u l-Viċi Sindku ipproponew li dan għandu jibqa kif inhu fil-preżent billi issa l-ġurnata tibda tiqsar.

4.7 Fuq iż-żamma tal-lattrina s-Sindku semma li s-servizz huwa tajjeb. Il-Kunsillier Caruana ssuġġerrixxa biex jkun hemm xi ristrutturar minn ġewwa tal-lattrina billi l-furnishing huwa qadim u jista jkun moderniżżat bħala aperturi u kisi. Il-Kunsill qabel li għandu jitħalla l-istess kuntrattur.

4.8 Fuq is-servizz tal-bulky refuse l-Kunsilliera Massa qalet li dan is-servizz huwa tajjeb ukoll. Il-Kunsill ukoll qabel li għandu jitħalla l-istess kuntrattur li qed joffri s-servizz.

## 5.0 DAYCENTRE

5.1 Is-Sindku semma li fuq id-Daycentre diġa ġie installat il-lift fuq il-post u issa jmiss li jsir ix-xogħol tal-installazzjoni tal-elettriku.

## 6.0 SKEMI GAL XLOKK

6.1 Is-Sindku beda billi semma li l-Onor. Silvio Schembri irreżenja mill-kariga ta manager tal-GAL Xlokk speċjalment minħabba l-impennji ġodda li huwa kellu bħala Membru Parlamentari, pero huwa minn naħa tiegħu lest li jagħti l-għajnuna tiegħu fejn ikun hemm bżonn. Is-Sindku assigura li huwa qed japplika għal kull skema li qed toħroġ minn naħa tal-GAL biex ikun jista jibbenefika l-Kunsill.

6.2 Is-Sindku semma li s-sistema tal-fondi taħdem billi l-ewwel il-Kunsill Lokali iħallas huwa stess minn naħa tiegħu imbagħad jitlob għal rifużjoni lill-Paying Agency li hija wkoll waħda mir-raġunijiet il għala l-progett tal-Bandli qed jieħu ftit taż-żmien peress li l-Kunsill ikun diġa ħareġ somom kbar u jistenna biex jieħu l-flus li huwa intitolat għalihom biex b' hekk il-kuntrattur ikun jista jkompli x-xogħol.

6.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa il-għala l-playing equipment tal-Bandli ta' Ħal Farruġ tħalla mikxuf meta l-Bandli għadu mhux lest. Is-Sindku qal li l-kuntrattur diġa ġbidnilu l-attenzjoni biex jagħlaq is-site peress li l-Bandli għadu mhux lest. Huwa wasal fil-fażijiet finali.

6.4 Is-Sindku semma li bħala Kunsill applikajna għal skema tat-tisbiħ tal-Bandli. Huwa qal li fuq din l-iskema diġa saret laqgħa mal-Perita fejn kien hemm ukoll il-Kunsillier Caruana. Huwa qal li se jsir survey u jitħejja proġett biex jissebbaħ il-Bandli. Għal dan il-proġett jistgħu jintużaw ukoll fondi mill-UIF.

## 7.0 ATTIVITAJIET KULTURALI

7.1 Il-Kunsilliera Massa qalet li hija talbet għal prezzijiet tal-Aquarium imma dawn qed jitolbu prezzijiet elevati għall gruppi u ma jagħtux skontijiet.

7.2 Is-Sindku kien tal-fehma li għandha tkun organiżżata ħarġa għal San Martin f' Novembru.

## 8.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

8.1 Il-Kunsillier Camilleri saqsa fuq il-kont ta drainage connection x’ inhu. Is-Sindku qal li dan kien fuq xogħol li sar f’ Carmel Street peress li meta l-Kunsill kien għamel it-Triq hemhekk kien għamel xi ħsarat fil-medda tan-nies.

8.2 Is-Segretarju qal li l-pagament li kien hemm dovut lill-Polidano kien jikkonsisti f’ tindif tal-water culverts li sar fuq jumejn sħaħ.

**9.0 AĠĠORNAMENT**

Ma kienx hemm aktar punti fuq l-Aġenda biex jiġu diskussi u għaldaqstant is-Sindku iddikjara l-laqgħa magħluqa nhar Il-Ħamis 19 ta’ Settembru 2013, fis-6.45 p.m. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa li jmiss

Konfermati llum ______________________ 2013.

| | |
|---|---|
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |